

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)

### Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrenti u bħala konsegwenza, ir-reintegrazzjoni tar-rikorrenti fil-pożizzjoni miżmuma minnha jew f'pożizzjoni oħra adegwata jew, jekk le, li tikkundanna lill-konvenuta tikkumpensa lir-rikorrenti għad-dannu materjali sostnut u, fi kwalunkwe każ, għad-dannu morali sostnut.

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, tad-29 ta' Mejju 2013, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti fl-1 ta' Mejju 2013
- bħala konsegwenza:
  - ir-reintegrazzjoni tar-rikorrenti fil-pożizzjoni miżmuma minnha jew f'pożizzjoni oħra adegwata għall-kompetenzi tagħha fil-EEA permezz ta' estensjoni tal-kuntratt tagħha skont ir-rekwiżiti tar-regoli;
  - sussidjarjament, u fil-każ li t-talba għal reintegrazzjoni stabbilita iktar 'il fuq ma tintlaqax, tikkundanna lill-konvenuta tikkumpensa lir-rikorrenti għad-dannu materjali sostnut, smat provviżorjament *ex aequo et bono* bħala d-differenza bejn ir-remunerazzjoni li kienet tirċievi bħala membru tal-persunal bil-kuntratt mal-EEA għall-inqas għal tul ta' żmien simili għal dak tal-kuntratt inizjali tagħha (tliet snin);
- fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-konvenuta tħallas *ex aequo et bono* s-somma provviżorja ta' EUR 5 000 bħala kumpens għad-dannu li ma huwiex ta' natura materjali, flimkien mal-interessi moratorji bir-rata legali mid-data tas-sentenza;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Rikors ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2013 — ZZ vs Frontex

(Kawża F-117/13)

(2014/C 31/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX)

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni li l-kuntratt tar-rikorrent ma jiġġeddidx wara l-annullament, mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, tal-ewwel deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt tiegħu.

### Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni ta' Frontex tad-19 ta' Frar 2013 li l-kuntratt tar-rikorrent ma jiġġeddidx;
- jeżerċita, jekk meħtieġ, il-ġurisdizzjoni sħiħa tiegħu sabiex jiżgura l-effettività tad-deċiżjoni tiegħu;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.